MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2006

Numru. 663/2006

Il-Pulizija
Spettur Carlo Ellul
vs
Marvin Elseworth

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi, li permezz taghhom huwa gie akkuzat :

1. Talli fit-8 ta' Lulju, 2006 ghall-habta tas-6.00a.m. f'Paceville San Giljan attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza, jew hebb, ta' xorta li ma titqiesx bhal vjolenza pubblika, kontra PS 419 A Buttigieg, PC 1379 A Micallef, PC 750 T Mallia u PC 628 W Sergent, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita kompetenti, dan bi ksur tal-Artikolu 96 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hebb kontra persuna imsemmija hawn fuq sabiex jingurjahom,

iddejjaqhom jew jaghmilhom hsara lilhom jew lil haddiehor kemm il-darba il-fatt ma jkunx jaqa' taht xi disposizzjoni ohra tal-Kodici Kriminali, dan bi ksur tal-Artiklu 339 (d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. U aktar talli fl-istess data ghall-habta tas-6.30 gewwa l-ghassa ta' San Giljan ikkaguna feriti hfief fuq il-persuna tal-Kuntisabbli Nru 1370 A Micallef kif iccertifikat mit-Tabib Chris Mercieca M.D. tal-Gzira Health Centre u dan bi ksur tal-Artikli 221 (1) u 222 (c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Ukoll talli fl-istess cirkustanzi, data, hin u lok qal kliem oxxen u dagha fil-pubbliku u dan bi ksur tal-Artikoli 338 (bb), 338 (dd) u 342 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni;

Wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi skond il-Ligi ta' din l-ammissjoni u ipposponiet il-kawza ghal dan il-ghan. Meta regghet issejjhet il-kawza l-imputat tenna li ried jirregistra ammissjoni ghalhekk, fuq ammissjoni, issibu hati tal-imputazzjonijiet kollha u dan wara li rat l-Artikoli 96, 221 (1), 17, 338 (bb), 342, 339 (1) (d), 222 (1) (c);

Ikkunsidrat ghall-fini ta' piena il-fatt illi l-imputat ghandu fedina penali netta, ikkopera mal-pulizija waqt l-investigazzjoni, kif ukoll irregistra ammissjoni bikrija u ghalhekk ma tqisx piena karcerarja bhala idonea ghall-akkadut. Ghalhekk wara li rat l-Artikolu 28 A tal-Kap 9 tikkundanna lill-hati ghal sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin mil-lum;

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car bir-responsabbilta tieghu skond il-Ligi jekk jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operativ ta' din is-sentenza sospiza.

Finalment il-Qorti, a tenur tal-Artikolu 392 A tal-Kap 9 tordna illi l-atti, flimkien ma kopja ta' din is-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 401 (3) tal-Kap. 9.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------